IL-MOVIMENT LIBERU TAL-KAPITAL

Il-moviment liberu tal-kapital hu waħda mill-erba' libertajiet fundamentali tas-suq uniku tal-UE. Minbarra li jirrappreżenta l-aktar libertà riċenti, jikkostitwixxi wkoll l-aktar waħda wiesgħa minħabba d-dimensjoni unika tiegħu b'rabta mal-pajjiżi terzi. Il-liberalizzazzjoni tal-flussi tal-kapital kienet waħda gradwali. Mit-Trattat ta' Maastricht (1994) 'l hawn, tneħħew ir-restrizzjonijiet kollha fuq il-pagamenti u l-movimenti tal-kapital, kemm bejn l-Istati Membri u kemm ma' pajjiżi terzi. Il-prinċipju għandu effett dirett, jiġifieri ma jirrikjedi ebda leġiżlazzjoni ulterjuri, la fil-livell tal-UE u lanqas f'dak tal-Istati Membri.

IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikoli minn 63 sa 66 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

L-OBJETTIVI

Ir-restrizzjonijiet kollha fuq il-movimenti tal-kapital, kemm bejn l-Istati Membri kif ukoll bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi — ħlief f'ċerti ċirkustanzi — għandhom jitneħħew. Il-moviment liberu tal-kapital jikkostitwixxi l-bażi tas-suq uniku u jikkomplementa t-tliet libertajiet l-oħra. Jikkontribwixxi wkoll għat-tkabbir ekonomiku billi jippermetti li l-kapital jiġi investit b'mod effiċjenti u jippromwovi l-użu tal-euro bħala munita internazzjonali, u b'hekk jikkontribwixxi għar-rwol tal-UE bħala attur globali. Kien ukoll indispensabbli għall-iżvilupp tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) u għall-introduzzjoni tal-euro.

IL-KISBIET

A. It-tentattivi inizjali (qabel is-suq uniku)

L-ewwel miżuri Komunitarji kellhom kamp ta' applikazzjoni limitat. It-Trattat ta' Ruma (1957) kien jitlob li r-restrizzjonijiet jitneħħew biss sal-punt neċessarju għall-funzjonament tas-suq komuni. L-hekk imsejħa "l-Ewwel Direttiva dwar il-Kapital"[1] tal-1960, emendata fl-1962, temmet ir-restrizzjonijiet dwar ċerti tipi ta' movimenti ta' kapital privat u kummerċjali, bħax-xiri ta' beni immobbli, is-self għal żmien qasir jew medju għat-tranżazzjonijiet kummerċjali u x-xiri ta' titoli kkwotati fil-Borża. Xi Stati Membri marru lil hinn u introduċew miżuri nazzjonali unilaterali, u b'hekk virtwalment neħħew ir-restrizzjonijiet kollha fuq il-movimenti tal-kapital (eż. il-Ġermanja, ir-Renju

[1]Kunsill KEE: l-Ewwel Direttiva għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 67 tat-Trattat (ĠU 43, 12.7.1960, p. 921).

Unit u l-pajjiżi tal-Benelux). Fl-1972 ġiet introdotta direttiva[2] oħra dwar il-flussi internazzjonali tal-kapital.

B. Aktar progress u liberalizzazzjoni ġenerali fid-dawl tas-suq uniku

Il-liberalizzazzjoni, li kienet bdiet fl-1960, ma komplietx qabel ma tnieda s-suq uniku (fl-1 ta' Jannar 1993). Fl-1985 u l-1986, l-Ewwel Direttiva dwar il-Kapital sarulha emendi li ġabu aktar liberalizzazzjoni inkundizzjonata f'oqsma bħas-self fit-tul għat-tranżazzjonijiet kummerċjali u x-xiri ta' titoli li ma jkunux ikkwotati fil-Borża.

Fl-isfond tat-tlestija tas-suq uniku, it-twaqqif tal-UEM u l-introduzzjoni tal-euro, il-movimenti tal-kapital ġew liberalizzati għalkollox fl-1988 permezz ta' Direttiva tal-Kunsill[3] li neħħiet ir-restrizzjonijiet kollha li kien għad fadal fuq il-movimenti tal-kapital bejn ir-residenti tal-Istati Membri sa mill-1 ta' Lulju 1990.

C. Is-sistema definittiva

1. Il-prinċipju

Fl-1994, it-Trattat ta' Maastricht introduċa l-moviment liberu tal-kapital bħala libertà minquxa fit-Trattat. Illum, l-Artikolu 63 tat-TFUE jipprojbixxi kull restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-kapital u l-pagamenti bejn l-Istati Membri, kif ukoll bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija inkarigata bil-kompitu li tinterpreta d-dispożizzjonijiet relatati mal-moviment liberu tal-kapital, u teżisti ġurisprudenza estensiva f'dan il-qasam. F'każijiet fejn l-Istati Membri jillimitaw il-libertà tal-moviment tal-kapital b'mod li ma jkunx ġustifikat, tapplika l-proċedura ta' ksur tas-soltu stipulata fl-Artikoli 258-260 tat-TFUE.

2. Eċċezzjonijiet u restrizzjonijiet ġustifikati

L-eċċezzjonijiet jikkonċernaw essenzjalment il-movimenti tal-kapital relatati ma' pajjiżi terzi (l-Artikolu 64 tat-TFUE). Minbarra l-għażla li l-Istati Membri jżommu r-restrizzjonijiet eżistenti f'data partikolari fuq l-investiment dirett u tranżazzjonijiet oħra, il-Kunsill jista' wkoll, wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, jadotta unanimament miżuri li jikkostitwixxu pass lura fil-liberalizzazzjoni tal-movimenti tal-kapital ma' pajjiżi terzi. Barra minn hekk, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jistgħu jadottaw miżuri leġiżlattivi li jinvolvu l-investiment dirett, l-istabbiliment, il-forniment ta' servizzi finanzjarji jew l-ammissjoni ta' titoli fis-swieq kapitali. L-Artikolu 66 tat-TFUE jkopri miżuri ta' emerġenza, limitati għal perjodu ta' sitt xhur, fir-rigward ta' pajjiżi terzi.

L-uniċi restrizzjonijiet ġustifikati fuq il-movimenti tal-kapital b'mod ġenerali, inklużi l-movimenti fl-UE, huma stabbiliti fl-Artikolu 65 tat-TFUE. Dawn jinkludu: (i) miżuri li jimpedixxu l-ksur tal-liġi nazzjonali (speċifikament fil-qasam tat-tassazzjoni u s-superviżjoni prudenzjali tas-servizzi finanzjarji); (ii) proċeduri għad-dikjarazzjoni ta' movimenti tal-kapital għal finijiet amministrattivi jew statistiċi; u (iii) miżuri ġustifikati għal raġunijiet ta' politika pubblika jew sigurtà pubblika. Din tal-aħħar ġiet invokata matul il-kriżi taż-żona tal-euro, meta Ċipru (2013) u l-Greċja (2015) kienu mġiegħla jintroduċu kontrolli fuq il-kapital sabiex jiġi evitat ħruġ ta' kapital inkontrollabbli. Filwaqt li Ċipru

[2]Id-Direttiva tal-Kunsill 72/156/KEE tal-21 ta' Marzu 1972 dwar ir-regolamentazzjoni tal-flussi internazzjonali tal-kapital u n-newtralizzazzjoni tal-effetti mhux mixtieqa tagħhom fuq il-likwidità domestika (ĠU L 91, 18.4.1972, p. 13).
[3]Id-Direttiva tal-Kunsill 88/361/KEE tal-24 ta' Ġunju 1988 għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 67 tat-Trattat (ĠU L 178, 8.7.1988, p. 5).

neħħa r-restrizzjonijiet kollha li kien fadal fl-2015, il-kontrolli fuq il-kapital, għalkemm inqas stretti, għadhom fis-seħħ fil-Greċja.

L-Artikolu 144 tat-TFUE jippermetti, fil-qafas tal-programmi ta' assistenza għall-bilanċ tal-pagamenti, li jittieħdu miżuri ta' protezzjoni għall-bilanċ tal-pagamenti meta xi diffikultajiet jipperikolaw il-funzjonament tas-suq intern jew meta tinqala' kriżi f'daqqa. Din il-klawsola ta' salvagwardja hija disponibbli biss għall-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro.

Fl-aħħar nett, l-Artikoli 75 u 215 tat-TFUE jipprevedu l-possibbiltà ta' sanzjonijiet finanzjarji għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu jew abbażi ta' deċiżjonijiet adottati fil-qafas tal-politika estera u ta' sigurtà komuni.

3. Pagamenti

L-Artikolu 63(2) tat-TFUE jistipula li "kull restrizzjoni fuq pagamenti bejn l-Istati Membri u l-Istati Membri u pajjiżi terzi għandha tkun projbita".

Fl-2001 ġie adottat regolament li jarmonizza l-ispiża tal-pagamenti domestiċi u transfruntiera fiż-żona tal-euro. Dan tħassar u ġie sostitwit fl-2009[4].

Id-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Ħlas (PSD)[5] ipprovdiet il-pedament legali għall-ħolqien ta' sett ta' regoli applikabbli għas-servizzi kollha ta' ħlas fl-UE, sabiex il-pagamenti transfruntiera jkunu faċli, effiċjenti u siguri daqs il-pagamenti "nazzjonali", u biex jitrawmu l-effiċjenza u t-tnaqqis fl-ispejjeż permezz ta' aktar kompetizzjoni billi s-swieq tal-pagamenti jinfetħu għal applikanti ġodda. Il-PSD ipprovdiet il-qafas meħtieġ għal inizjattiva tal-industrija bankarja Ewropea, magħrufa bħala ż-"Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro" (SEPA). L-istrumenti tas-SEPA diġà kienu eżistenti, iżda sal-aħħar tal-2010 ma kinux jintużaw ħafna. Konsegwentement, fl-2012 ġie adottat regolament[6] li jistabbilixxi d-dati finali għall-UE kollha biex titwettaq il-migrazzjoni tat-trasferimenti tal-krediti u d-debiti diretti nazzjonali l-qodma għall-istrumenti tas-SEPA. Fl-2015, il-koleġiżlaturi adottaw id-Direttiva riveduta dwar is-Servizzi ta' Ħlas (PSD 2)[7], li ħassret id-direttiva eżistenti. Din ittejjeb it-trasparenza u l-ħarsien tal-konsumatur u tadatta r-regoli biex tkopri servizzi ta' ħlas innovattivi, inkluż permezz tal-internet u l-mobile. Id-direttiva daħlet fis-seħħ fit-12 ta' Jannar 2016 u bdiet tapplika mit-13 ta' Jannar 2018.

D. Żviluppi oħrajn

Minkejja l-progress li sar fil-liberalizzazzjoni tal-flussi tal-kapital fl-UE, is-swieq tal-kapital għadhom, fil-biċċa l-kbira, frammentati. Abbażi tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, f'Settembru 2015 il-Kummissjoni nediet l-inizjattiva emblematika tagħha: "Unjoni tas-Swieq Kapitali". Din tinkludi għadd ta' miżuri mmirati lejn il-ħolqien ta' suq uniku verament integrat fir-rigward tal-kapital sal-2019. F'Ġunju 2017 ġie ppubblikat

---

[4]Ir-Regolament (KE) Nru 924/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-ħlas transkonfinali fil-Komunità u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2560/2001 (ĠU L 266, 9.10.2009, p. 11.)
[5]Id-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE (ĠU L 319, 5.12.2007, p. 1).
[6]Ir-Regolament (UE) Nru 260/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u tan-negozju għat-trasferimenti ta' kreditu u debiti diretti bl-euro u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 924/2009 (ĠU L 94, 30.3.2012, p. 22).
[7]Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).

riežami ta' nofs it-terminu tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-Istati Membri qed jaħdmu fuq l-eliminazzjoni tal-ostakli għall-investiment transfruntier li huma ta' kompetenza nazzjonali. Il-Grupp ta' Esperti dwar l-ostakli għall-moviment liberu tal-kapital twaqqaf apposta biex jeżamina din il-kwistjoni. F'Marzu 2017, b'segwitu għall-ħidma tal-grupp ta' esperti, il-Kummissjoni ppubblikat rapport li jiddeskrivi s-sitwazzjoni fl-Istati Membri. F'Marzu 2019, il-Kummissjoni ppubblikat komunikazzjoni bit-titlu "L-Unjoni tas-Swieq Kapitali: progress rigward il-bini ta' suq uniku għall-kapital għal Unjoni Ekonomika u Monetarja b'saħħitha".

Il-Kummissjoni qed taħdem ukoll biex jintemmu t-trattati bilaterali fuq l-investiment (BITs) intra-UE eżistenti, li ħafna minnhom kienu diġà jeżistu qabel l-aħħar ċikli ta' tkabbir tal-UE. Il-Kummissjoni tqis dawn il-ftehimiet bejn l-Istati Membri bħala ostaklu għas-suq uniku peress li jikkontradixxu u jissovrapponu l-qafas leġiżlattiv tal-UE. Pereżempju, il-mekkaniżmi ta' arbitraġġ li huma integrati fil-BITs jeskludu kemm lill-qrati nazzjonali u kemm lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, u dan jimpedixxi l-applikazzjoni tal-liġi tal-UE. Il-BITs jistgħu wkoll jirriżultaw fl-għoti ta' trattament aktar favorevoli lill-investituri minn ċerti Stati Membri li jkunu kkonkludew BITs intra-UE. Kull sena l-Kummissjoni tippubblika wkoll rapporti u studji dwar il-flussi tal-kapital fl-UE u fil-kuntest globali.

IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament esprima appoġġ qawwi għall-isforzi biex titħeġġeġ il-liberalizzazzjoni tal-movimenti tal-kapital. Madankollu kien tal-fehma li din il-liberalizzazzjoni għandha tkun iżjed avvanzata ġewwa l-UE milli mal-bqija tad-dinja, biex jiġi żgurat li l-prijorità tkun li l-iffrankar fil-livell Ewropew jixpruna l-investimenti Ewropej. Għamel aċċenn ukoll għall-fatt li l-liberalizzazzjoni tal-kapital għandha tkun akkumpanjata mil-liberalizzazzjoni sħiħa tas-servizzi finanzjarji u l-armonizzazzjoni tal-liġi fiskali biex jinħoloq suq finanzjarju Ewropew unit. Kien minħabba l-pressjoni politika tal-Parlament li l-Kummissjoni setgħet tniedi l-leġiżlazzjoni dwar l-armonizzazzjoni tal-pagamenti domestiċi u transfruntiera.

Il-Parlament esprima l-appoġġ tiegħu għat-tnedija tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Huwa adotta riżoluzzjoni li fiha enfasizza l-ħtieġa ta' kundizzjonijiet ekwi fost il-parteċipanti sabiex titjieb l-allokazzjoni tal-kapital fl-UE. Fir-riżoluzzjoni ntalbet it-tneħħija tal-ostakli eżistenti għall-finanzjament transfruntier, b'mod partikolari għall-SMEs, u rwol aktar b'saħħtu għall-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) fit-titjib tal-konverġenza superviżorja. F'April 2019, il-Parlament qabel dwar sensiela ta' atti leġiżlattivi li jistabbilixxu l-elementi kostitwenti ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali.

Dražen Rakić / Denitza Dessimirova
04/2019